# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum, 9 ta' Awissu 2001**

**Citaz. numru: 113/97 M3 NA**

**Rita Vella**

**vs**

**Joseph Vella**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attrici tat-12 ta' Mejju 2000 fejn titlob awment fl-alimenti li qed jithallsu lilha, *pendente lite*, peress illi b'digriet ta' din il-Qorti tal-4 ta' Awissu 1997 il-manteniment kien gie ridott minn Lm200 fix-xahar ghal Lm100 fix-xahar. Il-gustifikazzjoni principali ghal din it-talba, minkejja li mhijiex l-unika, hija li l-manteniment kien gie ridott fi zmien meta zewgha ma kienx qed jahdem filwaqt illi, bhala fatt, issostni li llum dan kien qed jahdem. Hija esebit diversi dokumenti biex tissostanzja t-talba taghha.

Fir-risposta tieghu tat-8 ta' Lulju 2000 l-intimat jitlob lill-Qorti biex, ghar-ragunijiet hemm moghtija, tichad it-talba attrici.

Ir-rikors gie appuntat ghal 11 ta' Dicembru 2000 bil-hin. L-attrici ma dehritx, u l-Qorti giet mitluba differiment mid-difensur taghha. Fis-seduta, invece, tal-21 ta' Frar 2001 xehdet l-attrici, habiba taghha Maria Stella Vella, u l-konvenut li esebixxa xi dokumenti. Il-konvenut rega' xehed fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2001 fejn esebixxa xi dokumenti ohra, whud minnhom biex iwiegeb ghal xi kweziti li kienet ghamlitlu l-istess Qorti fis-seduta precedenti. F'din is-seduta l-partijiet prezenti w id-difensuri taghhom qablu li r-rikors seta' jibqa' differit ghad-digriet kamerali liema digriet sejjer jinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi, fil-fehma tal-Qorti, minkejja illi b'certu riluttanza l-konvenut finalment wiegeb b'mod sodisfacenti ghad-domandi li sarulu fir-rigward ta' l-involviment finanzjarju li kellu fis-socjeta' "Three Pyramids Ltd." u fi proprieta' f'Birkirkara Road, St. Julians li kienet giet akkwistata minn din is-socjeta'. Il-Qorti mhijiex daqstant konvinta mill-banda l-ohra bl-impieg u l-paga relattiva li ddikjara li ghandu l-istess konvenut u ta' kif, minn

impieg ta' General Manager, accetta impieg ta' Accounts Clerk b'paga ta' Lm250. Huwa pero' ta' dan apparti mix-xhieda tieghu, gab prova dokumentarja li ma gietx kontradetta bi prova kuntrarja. Dan apparti pero' l-attrici ghandha certu introjtu minn kirja ta' *supermarket*, kienet hadet ferm aktar minn nofs fil-qsim tal-komunjoni ta' l-akkwisti u ghal xi zmien kienet ukoll hadmet. Dawn il-konsiderazzjonijiet mehudin mal-konsiderazzjoni principali illi llum ma hemmx aktar tfal minuri jghixu maghha (fil-fatt ma hemm ebda mit-tfal ighixu maghha li huma wkoll ilkoll illum maggorenni) jinducu lill-Qorti biex f'dan l-istadju ma tordnax prova ulterjuri dwar l-introjtu ta' l-intimat u dana ghax hija tal-fehma li, konsiderat dan kollu, alimenti ta' Lm100 *pendente lite* f'din il-kawza huma alimenti ragonevoli. It-talba hija ghalhekk michuda fil-waqt illi l-ispejjez huma rizervati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.